**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 35**

**It-Tlieta 7 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17.30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

**35.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**35.01.01** Il-Kunsillier Anton Gatt talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**35.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduti 32, 33 u 34)**

**35.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-minuti ta' seduta **32** ġew approvati unanimament.

**35.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-minuti ta' seduta **33** ġew approvati unanimament.

**35.02.03** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u sekondat mis-Sindku John Schembri, il-minuti ta' seduta **33** ġew approvati unanimament.

**35.02.04** Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li se jkun qed jastjeni milli japprova tali minuti, fuq il-bażi li huwa ma jistax jaċċessa l-email tal-Kunsill Lokali u li l-minuti ntbagħatu filgħodu fuq l-email personali tiegħu u li ma kellux ċans jaqrahom u suppost għandhom jinqraw waqt is-seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsillier Frederick Aquilina li hija ppruvat tassistih kemm -il darba dwar l-email tal-Kunsill Lokali u li mhijiex obbligata tibagħat il-minuti jew kwalunkwe korrispondenza oħra relatata ma' ħidmiet il-Kunsill fuq l-email personali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, għamlitha ċara li hija se tibqa' tibagħat l-aġenda, il-minuti u kwalunkwe korrispondenza oħra relatata max-xogħol tal-Kunsill Lokali fuq l-email tax-xogħol u mhux dak personali.

**35.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**35.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni waħda rigward xogħlijiet ta' tarmac u patching urġenti li jridu jsiru madwar il-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li minħabba l-urġenza tax-xogħlijiet intgħażlet din il-kwotazzjoni li tammonta għal €1,500. Il-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**35.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**35.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mill-MDIA rigward korsijiet tal-AI. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li din hija inizjattiva pożittiva. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-ewwel pass għandu jkun li fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali toħrog sejħa ta' interess, biex wieħed ikun jista' jevalwa kemm ikun hemm residenti interessati f'dan il-kors.

**35.04.02** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li rċieva korrispondenza u talba għar-rimbors mingħand persuna li saritlu ħsara fil-vettura tiegħu minħabba grada li ma kinitx f'posta. Il-Kunsilliera preżenti qablu bi qbil unanimu li dan ir-rimbors għandu jseħħ. Is-Sindku John Schembri qal li huwa għamel diversi ma' Infrastructure Malta dwar is-sitwazzjoni tat-toroq u dwar dik il-gradilja perikoluża. Is-Sindku John Schembri sostna li huwa se jibagħat email lis-CEO ta' Infrastructure Malta biex jerġgħu jiltaqgħu.

**35.04.03** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mill-Baden Powell Scouts ta' Malta rigward inizjattiva ta' tħawwil ta' siġar. Is-Sindku John Schembri qal li bħala Kunsill Lokali għandna nesprimu l-interess tagħna li nieħdu sehem f'din l-inizjattiva. Is-Sindku John Schembri qal li se jikkomunika magħhom u jara x'siġar jistgħu jitħawwlu. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din l-inizjattiva.

## 35.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**35.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li fi Triq Kunsill tal-Ewropa għandhom isiru s-sound barriers. Il-Kunsillier Frederick Aquilina spjega li dawn il-barrieri jnaqqsu l-inkonvenjent ta' ħsejjes kontinwi ta' karozzi lir-residenti tat-triq. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qiegħed jikteb lill-Infrastructure Malta sabiex isiru dawn is-sound barriers.

**35.05.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa li għandu jsir mafkar żgħir dwar it-traġedja tal-ajruplani sabiex insellmu l-memorja ta' dawk li tilfu ħajjithom f'din it-traġedja. Is-Sindku John Schembri qal li ssir plakka żgħira kommemorattiva imma qabel irid ikun identifikat il-post fejn tista' ssir. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu ma' din il-proposta.

**35.05.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li jixtieq jipprovdi feedback rigward Jum Ħal Luqa. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li bħala reklamar ta' din is-serata ma sar xejn. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li ried isir aktar speċjalment għaliex Jum Ħal Luqa ma sarx fil-ġurnata proprja tiegħu. Il-Kunsillier Frederick Aquilina tenna li fl-inviti kien hemm diżorganizzazzjoni sħiħa u li meta jkun hemm bdil fid-data, in-nies għandhom ikunu avżati ukoll permezz tat-telefown. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ssuġġerixxa għal sena oħra jkollna fotografu professjonali u li fejn jidħlu bijografiji għandna nqassruhom sew għaliex kienu twal iżżejjed.

## 35.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**35.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App u tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dan ix-xahar.

**35.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li rċeviet ir-rapport tal-Health and Safety li kien ikkumisjonat sabiex jara li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa jkun konformi mal-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li kellha laqgħa mal-persuna inkarigata mit-tħejjija tar-rapport u li fiha kienu identifikati ċertu nuqqasijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li se tittieħed azzjoni sabiex dawn in-nuqqasijiet ma jibqgħux fis-seħħ.

**35.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li rċeviet komunikat mir-Reġjun tan-Nofsinhar rigward id-Data Protection tal-użu tal-kameras madwar il-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li l-ebda footage fejn jidhru nies, karozzi jew b'xi mod jew ieħor jistgħu jintgħarfu, ma jistgħu jkunu xxerjati fuq il-Facebook la tal-Kunsill Lokali u qas tal-Kunsilliera.

**35.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li mil-lum 'l hemm meta jsiru xi posters jew attivitajiet oħra relatati mal-Kunsill, irid jitqiegħed il-logo l-ġdid tal-Ministeru tagħna.

**35.07 Korrispondenza**

**35.07.01** Xejn

**35.08 Skema: SPI.SCI.05.2026 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita`**

**35.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat din l-iskema lill-Kunsilliera preżenti. Is-Sindku John Schembri ssuġġerixxa li permezz ta' din l-iskema jsir titjib u tisbiħ taż-żona ta' fejn il-Monument tal-Gwerra. Is-Sindku John Schembri fisser li jsir tibdil tal-balavostri, tad-dawl u tal-bankijiet tal madwar. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

**35.09 Luqa Sajf Fest**

**35.09.01** Is-Sindku John Schembri qal li Luqa Sajf Fest se ssir nhar is-Sibt 22 ta' Awwissu 2026. Is-Sindku John Schembri tenna li l-Kunsill se jkun qiegħed javża lill-għaqdiet kollha tal-lokal sabiex jieħdu sehem. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa ta' interess sabiex min hu interessat jieħu sehem f'din l-attivita` jagħmel kuntatt magħna u wara nkellmuh. Is-Sindku John Schembri qal li t-tisjir u l-ħelu jsajruhom l-għaqdiet li se jieħdu sehem u l-Kunsill Lokali jgħinhom b'mod finanzjarju. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti, li tinbagħat email lill-għaqdiet kollha tal-lokal sabiex issir laqgħa magħhom u jaraw min hu interessat jagħti sehemu. Id-data magħżula kienet dik tat-Tnejn 20 ta' Lulju 2026 fis-18.00 pm.

**35.10 Tenders**

**35.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, is-Sindku John Schembri u l-Viċi Sindku Keith Bartolo ltaqgħu ma' Chris Falzon li jieħu ħsieb it-tenders tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat lista ta' tenders li jridu joħorġu b'mod immedjat. Is-Sindku John Schembri qal lil Chris Falzon biex fuq il-bordijiet tat-tenders dejjem ikun hemm Kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

**35.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash**

**35.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri, u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**35.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**35.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20.00 pm wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2026.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |